MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2007

Numru 1244/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D’Anastas**
**V**

**DANIELA CASSAR**
**NICOLA MCHARG**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **DANIELA CASSAR** ta’ tletin sena bint Rosario Trachino u Susan nee Moore, imwielda Pieta nhar l-ghoxrin ta’ Awissu 1976 u residenti ‘Borg Flats’ 1, Triq il-Qasab, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita numru 427476M u **NICOLA MCHARG** ta’ sebgha w ghoxrin sena bint Gordon u Nathalie nee Gauci, imwielda San Giljan nhar s-sitta ta’ Lulju 1979 u residenti ‘Altair 3’, Vjal de Paule, Hal Balzan, detentrici tal-karta tal-identita numru 436279M gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. f’Haz Zebbug nhar il-hamsa ta’ Settembru 2006 ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar,

ikkommetew serq ta’ flus mill-ispizerija ‘Nobel’, sitwata fi Triq Sciortino, ghad-dannu ta’ Carmelo Muscat liema serq huwa aggravat bl-ammont.

**Lil Daniela Cassar wahedha:**

2. talli kisret l-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta liema kundizzjoni u/jew sentenza giet moghtija nhar l-erbgha ta’ Novembru 2005 u li saret definittiva u ma tistax tithassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 4, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-hamsa ta’ Jannar 2007 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-hamsa ta’ Jannar 2007 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti taz-zewg imputati, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu t-tnejn hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar l-piena fl-istess seduta tal-hamsa ta’ Jannar 2007.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi is-segwenti fatti fl-ghoti tal-piena:

1. L-ammisjoni bikrija taz-zewg imputati sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputati ddikjaraw li jaghmlu tajjeb ghad-dannu sofferti mis-socjeta.

3. Id-dikjarazzjoni tal-imputata Daniela Cassar li hija lesta li tghaddi s-somma ta’ mitt lira maltin li jinsabu f’idejn il-prosekuzzjoni lil vittma Carmel Muscat bhala parti minn sehemha tad-danni sofferti minnu.

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputata Daniela Cassar esebita f’dawn bhala dokument CSH 2, minn fejn jirrizulta li hi diga kisret dufrejha mal-ligi fi tlett okkazzjonijiet mis-sena 1998 sas-sena 2005 fejn inghatat sentenzi sospizi.

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputata Nicola McHarg esibita fl-atti bhala dokument CSH 3 minn fejn jirrizulta li din ghandha fuqha registrat reat wiehed biss li sehh fis-sena 2004 fejn inghatat wkoll sena sospiza.
Rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata miz-zewg imputati nhar s-sitta ta’ Settembru 2006 esibiti fl-atti.

Semghet lid-difiza tghid li l-imputata Daniela Cassar kellha problema akuta ta’ tehid ta’ droga ghal perjodu ta’ tlettax il-sena u li llum irnexxielha tgheleb din il-problema u li fil-fatt tinsab issetiljata f’hajjitha tant li anke kellha tarbija xi ftit tax-xhur ilu.

Illi dan il-fatt ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti mhux ser taghti l-istess piena peress li l-fedina penal ital-imputati mhux l-istess ghalkemm dik tal-

imputata Daniela Cassar hija aktar reflettarja w in oltre, l-istess Daniela Cassar giet wkoll akkuzata li kisret ordni ta' probation.

Illi ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(c), 279(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib liz-zewg imputati DANIELA CASSAR u NICOLA MCHARG hatja tal-akkuzi kollha kif minnhom ammessi u tiddecidi li tikkundanna lil imputata DANIELA CASSAR ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt [400] lira maltin dwar l-akkuzi li hija sabitha hatja taghhom.**

**In oltre tikkundannaha thallas wkoll multa addizzjonali ta' hamsin [50] lira maltin ghal ksur tal-ordni tal-probation u bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, taghtiha l-fakulta li thallas dawn il-multi f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u jekk tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Dwar l-imputata NICOLA MCHARG, il-Qorti qed tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum u tordnalha, ai termini tal-artikolu 24(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, thallas l-ammont ta' mija w erbghin [140] lira maltin rappresentanti sehemha mid-danni sofferti mill-vittma Carmelo Muscat.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil imputata Nicola McHarg u x'jigri f'kaz li tonqos li tosservha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------